MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH BONNICI

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 593/2004

**Media Link Communications Company Limited**
**Vs**

**Cabri Trading Agency Limited**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta’ Marzu 2004 fejn is-socjeta’ attrici titlob sabiex is-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ Lm187 (mija u sebgha u tmenin Lira Maltin) rapprezentanti ta’ hlas ghal reklamar fuq il-mezzi tas-socjeta` attrici.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Is-socjeta` attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta’ mija u sebgha u tmenin lira (Lm187.00) rapprezentanti hlas ghal reklamar fuq il-mezzi tal-media tas-socjeta` attrici, ordnat mis-socjeta`

konvenuta, u mhux imhallas, skond kif jidher mill-prospett anness u mmarkat Dok A.

Interpellata sabiex thallas permezz t'ittra bonarja datata 28 ta' Lulju 2003 (Dok B) is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta` konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra l-ammissjoni tas-socjeta` konvenuta llum stess.

Jiddeciedi billi jilqa` t-talbiet attrici kif dedotti bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------